# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 33**

**Cit. Nru. 425/89 FD**

**Paul W. England ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta England Insurance Agency Limited u dana in rappresentanza tad-ditta estera St. Paul's Fire & Marine Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' l-obbligi ta' Ronald Darmanin Kissaun skond il-polza bil-ligi.**

**vs**

**Dr. Stephen Thake bhala Segretarju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici Laferla Insurance Services Ltd. bhala assikjuratrici ta' l-assenti Jean Marie Andre' skond nota esebita quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1988, fl-atti tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra persuna Numru 823/88 mahrug fis-26 ta' Mejju, 1988.**

**<u>Digriet ta' dezerzjoni</u>**

Is-socjeta' assikuratrici Laferla Insurance Services Ltd. appellat minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tal-25 ta' Ottubru, 1995. Din il-Qorti appuntat dak l-appell ghas-smiegh ghas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 1997 u l-avviz relattiv ghal dik l-udjenza, kif ukoll l-avviz skond l-artikolu 209 u 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li biha l-appellant nomine Dr. Stephen Thake gie intimat biex ihallas il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza fi zmien statutorju, gew notifikati lill-istess appellant fit-13 ta' Awissu, 1997. Ir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat min-notifika tiddikjara li l-istess ufficjal halla dawn iz-zewg avvizi fl-indirizz moghti l-Belt f'idejn Sarah Borg.

Fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti li saret kif ordnat fit-28 ta' Ottubru, 1997, il-Qorti kkonstatat li l-appell ma kienx debitament kawtelat u kien allura jidher li hu dezert. Dr. Thake, l-appellant, talab iz-zmien biex jirregola ruhu u effettivament fis-7 ta' Novembru, 1997, hu pprezenta s-segwenti rikors li bih talab li jigi ammess li jaghti ruhu notifikat bl-avviz tas-smiegh ta' l-appell billi sostna li ma kienx regolarment notifikat u konsegwentement talab li din il-Qorti tammettih biex jipprocedi ghall-kawtela ta' l-appell.

"1. Illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 1997, gie korrettement rilevat minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-appell ta' l-esponent ma kienx gie regolarment kawtelat bil-mod mahsub mill-Artikoli 209 u 249 tal-Kapitolu 12 u l-esponent kien talab u ottjena differiment biex jirregola l-pozizzjoni tieghu in vista appunt ta' dak rilevat minna din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi rrizulta illi t-tahrika tas-smiegh ta' l-imsemmi appell kien gie moghti f'idejn Sarah Borg, fid-data imsemmija fir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat bin-notifika.

3. Illi a skans ta' dewmien jigi kkonfermat illi l-imsemmija Sarah Borg kienet fl-epoka impjegata fl-ufficcju legali ta' l-esponent Dottor Stephen Thake gewwa 11/5 Vincenti Buildings Strait Street, Valletta, u l-imsemmija Sarah Borg tippossjedi l-kwalifiki mehtiega skond il-Ligi sabiex tircievi n-notifika valida salv ghal dak illi sejjer jinghad f'dan ir-rikors.

4. Illi ghall-finijiet ta' l-Artikoli 187(1) u 187(4) "il-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tigi notifikata hija s-socjeta' konvenuta Laferla Insurance Services Limited u dan fl-indirizz ufficjali taghha 204A, Vincenti Buildngs, Strait Street, Valletta, illi huwa precizament l-indirizz moghti mis-socjeta' appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha.

5. Illi jirrizulta car mill-atti ta' din il-kawza (a) illi l-esponent huwa s-segretarju tas-socjeta' konvenuta u kull skrittura notifikata lilu ghandha titqies bhala validament notifikata lis-socjeta' konvenuta minnu rapprezentata. (b) Illi n-notifika ta' l-imsemmija Sarah Borg saret f'indirizz zbaljat, cioe' fl-indirizz ta' l-ufficcju legali tas-Segretarju tas-socjeta' appellanti u ghalhekk mhux fl-indirizz tas-socjeta' appellanti; u (c) l-imsemmija kellha biss rapport legali ma' l-istess Dottor Stephen Thake u ma kellha ebda rapport separat u indipendenti mas-socjeta' konvenuta u certament Sarah Borg u s-socjeta' konvenuta ma kellhom ebda konnessjoni tan-natura stabilita fil-Ligi.

6. Illi ghalhekk huwa umilment sottomess illi l-Appell intavolat mill-esponent ma ghandux jitqies bhala illi gie dezert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa dikjarazzjoni illi l-avviz tas-smiegh ta' dana l-appell ma giex regolarment notifikat lill-appellant tordna illi l-istess appella jinstema' regolarment u tammetti lill-appellant

> jaghti ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh ta' l-istess u jipprocedi ghall-kawtela ta' l-istess appell fit-terminu stabilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti fid-digriet eventwali taghha".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjeta' attrici appellata qed tikkontesta t-talba ta' l-appellat nomine billi ssostni li n-notifika li saret lill-avukat Dr. Stephen Thake fil-kwalita' tieghu kif citat kienet wahda korretta. Jidher li l-fatti li taw lok ghal dan l-incident huma pacifici u ma hemmx lok ta' kontestazzjoni dwarhom. Is-socjeta' appellata ssostni li l-fatt li min gie notifikat kienet is-segretarja ta' l-avukat tas-socjeta' appellanti, u mhux is-segretarja jew impjegata tas-socjeta' appellanti, u l-fatt li n-notifika allura saret fl-indirizz tieghu, u cioe' tas-segretarju tas-socjeta' appellanti, u mhux fl-indirizz registrat tas-socjeta' appellanti, ma jbiddel xejn mill-vot tal-ligi. Il-ligi ma tridx li kull notifika ssir ad validitatem fl-ufficcju registrat tas-socjeta'. Tissottometti illi "ai termini ta' l-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, notifika li ssir ghand "l-attorney" ta' l-appellant hija notifika valida".

Il-Qorti semghet lill-Marixxall Joseph Borg minnha prodott biex jikkonferma l-mod kif saret minnu n-notifika personalment. Hu kkonferma li kien ikkonsenja l-avvizi f'idejn Sarah Borg, is-segretarja ta' l-Avukat Dr. Stephen Thake, fl-indirizz nru. 204, Vincenti Buildings, il-Belt, u ma kienx hallihom fl-ufficcju tas-socjeta' assikuratrici appellanti.

Il-Qorti trid tara jekk dik in-notifika kienetx wahda valida. Tikkonsidra s-segwenti:-

a) L-Avukat Dr. Stephen Thake hu citat bhala segretarju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici Laferla Insurance Services Ltd. Hu allura f'din il-vesti li kellu jigi notifikat u kienu japplikaw ghall-fini ta' notifika, ir-regoli tal-Kap 12 fir-rigward tan-notifika ta' l-atti lil korpi li ghandhom personalita' guridika distinta. Is-subinciz 4 ta' l-artikolu 187 hekk jipprovdi: "Fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta, in-notifika ta' dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura (a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali tieghu jew fil-post tan-negozju, jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu 2 ta' l-art. 181A, jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew (b) f'idejn xi hadd mill-persuni imsemmija fis-subartikolu 2 ta' l-art. 181A, bil-mod provdut fis-subartiklu 1 ta' dan l-artikolu". Il-kelma "dan" tirriferixxi ghall-art. 187.

Hu stabbilit li l-fatti kif sehhew u kif riportati fl-istess rikors promotur jeskludu l-applikabilita' tas-subinciz (a) ta' l-inciz (4) ta' l-art. 187 appena citat, ghaliex l-istess ufficjal ezekutur kategorikament jafferma li hu ma nnotifikax l-avvizi fl-ufficcju registrat tas-socjeta' appellanti, jew fl-ufficcju principali taghha, jew fil-post tan-negozju, jew fl-indirizz postali. Il-Qorti trid allura tara jekk kienx applikabbli s-subinciz (b) ta' l-istess inciz (4).

F’dan il-kontest tistabilixxi li s-subartiklu 2 ta’ l-art. 181A jipprovdi illi “kull dikjarazzjoni jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi, ghandha, fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita’ guridika distinta, tinhalef minn persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta’ dak il-korp, jew minn kull segretarju tal-kumpannija (kif hu l-Avukat Dr. Stephen Thake) jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f’ismu jew li taghmel dikjarazzjoni, nota ta’ eccezzjonijiet jew skrittura bhal dawk imsemmija”. Sa hawn hu stabbilit li allura l-Avukat Dr. Stephen Thake kien persuna eligibbli biex jircievi n-notifika ta’ l-avvizi fit-termini tas-subartikolu 2 ta’ l-art. 181A, irrispettivament minn fejn ikun jinstab, allura anke jekk ma jkunx d’xi wiehed minn dawk il-postijiet stabbiliti fis-subinciz (a) ta’ l-inciz (4) fuq citat, sakemm tali notifika ssir “il-mod provdut fis-subartiklu 1 ta’ l-art. 187”.

Dan l-ahhar subinciz hekk jiddisponi “In-notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha, jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew fejn tahdem, jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha”.

Issa ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju u m'hu bl-ebda mod kontestat illi l-avvizi thallew fil-post fejn jahdem jew fil-post tax-xoghol, jew fl-indirizz postali ta' l-Avukat Dr. Stephen Thake, u lanqas ma jista' jkun kontestat illi l-persuna li f'idejha gew imhollija l-avvizi kienet fis-servizz ta' l-Avukat Dr. Stephen Thake inkwantu kienet impjegat bhala segretarja regolari tieghu, u wkoll hu stabbilit u naturali li s-segretarja tkun awtorizzata tircievi l-post tal-principal taghha. Xoghol dan inerenti ma' l-ufficcju taghha.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni inevitabbli li l-fatti kif jirrizultaw provati jissodisfaw pjenament ir-rekwiziti tas-subinciz (b) ta' l-inciz (4) ta' l-art. 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li huwa provvediment alternattiv ghas-subinciz (a) ta' l-istess inciz (4). Konsegwentement, una volta jokkorru r-rekwiziti li trid il-ligi skond dan is-subinciz, il-Qorti kellha tirritjeni necessarjament li n-notifika, li saret lill-Avukat Dr. Stephen Thake, fil-kwalita' tieghu premessa, ta' l-avvizi taht ezami kienet wahda valida, ritwali u skond il-ligi. Dan ifisser ukoll illi sottomissjonijiet (b) u (c) fil-paragrafu 5 tar-rikors promotur ma jirrizultaw bl-ebda mod sostnuti fil-ligi u kellhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad ir-rikors tas-socjeta' appellanti pprezentat fis-7 ta' Novembru,  1997, tikkonferma d-digriet taghha ta' dezerzjoni ta' l-appell, u dana bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm